**Kunsill Lokali Paola**

*Ref*: 47/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 47**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat, il-Kunsilliera Rita Delezio, u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett.

Il-Kunsillier Renald Dalli kien skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

1. **Minuti tal-Laqgħa Nru. 46 tas-Sitt Leġislatura**

   1.1. Il-Kunsillier Steven Axisa xtaq iżid mal-punt nru. 7 illi huwa jaqbel mal-one way ta' Triq il-Wied u żied li jixtieq li fil-minuti jitniżżel li huwa jaqbel li din tkun one way però biss sa Triq San Ġużepp.

   1.2. Il-Kunsillier Lynch xtaq jistaqsi xi żvilupp sar b'rabta ma' l-iskema tal-*Housing* fejn is-Segretarju informa lil membri illi wara li sargħet il-laqgħa mar-residenti qed jistenna l-ittri fejn inkunu infurmati dwar min ser ikun l-amministratur ta' kull blokka.

   1.3. Il-Kunsillier Muscat xtaq iżid mal-punt nru. 2.3 li issir referenza li l-post miftiehma huwa l-parkeġġ taċ-ċimiterju.

   1.4. Il-Minuti umbagħad ġew approvati *nem com.*

2. **Korrispondenza**

   2.1. Talba mingħand l-MZPN sabiex issir stand fejn l-MCAST. Is-Segretarju informa lil membri li din l-email waslet ftit ġranet qabel l-attività, preċiżament waslet fi tmiem il-ġimgħa u għaldaqstant ma kienx hemm żmien biżżejjed biex il-Kunsill jagħti r-risposta tiegħu. Il-Kunsillier Axisa qal li dawn xorta tellgħu din l-stand mingħajr ma ingħata permess mill-Kunsill Lokali. Il-membri qablu li dawn għandom jiġu infurmati sabiex darb'oħra jistennew risposta mingħand il-Kunsill.

2.2. Talba mingħand l-organizzaturi tal-*Puttinu Night Walk* sabiex il-Kunsill Lokali Paola jiffinanzja xi *mobile toilets* għal fejn it-telgħa ta' l-MCAST. Il-membri qablu li isir set wieħed-wieħed għall-irġiel u l-ieħor għan-nisa.

2.3. Email mingħand Dr. Malcolm Borg, Konsulent tal-Kunsill dwar Proġetti Ewropew, jappella lil membri sabiex issir transizzjoni kalma bejn Kunsill u ieħor fid-dawl ta' l-elezzjoni li jmiss sabiex ma jintilef l-ebda proġett/fondi. Il-membri qablu.

2.4. Ittra mingħand il-Perit Dr. Marc Bonello f'isem TBA Periti f'isem il-klijenti tieghu Heritage Malta fejn qed jitolbu permess sabiex issir rampa li żżid l-aċċessibilita quddiem l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. L-ittra tgħid li biex isir dan iridu jintilfu numru ta' parkeġġi. Wara li iddiskutew din it-talba il-membri qablu illi filwaqt li huma favur li għanda tiżdied l-aċċessibilita għal min iżur l-Ipoġew, huma ma jaqblux illi isir ix-xogħol meħtieġ minħabba li dan ser iwassal għal-telf ta' parkeġġ fit-triq. Il-membri qablu illi l-Kunsill ikun lest li jikkonsidra din il-proposta kemm il-darba Heritage Malta tkun lesta li tagħmel xogħol ta' tisbieħ fit-triq li jkun jixraq iktar lil sit storiku u ta' valur għoli bħal ma huwa l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni.

2.5. Ittra mingħand Mario Azzopardi fejn qed jinforma lil Kunsill Lokali Paola illi l-Bord marbut mal-inizjattiva tal-Gvern għall-Proġetti Kapitali approva is-somma ta' €50,000 għall-proġett ta' Wied Blandun. Is-Segretarju informa wkoll lil membri illi huwa flimkien mas-Sindku iffirmaw MOU b'rabta mal-proġett *Urban Greening* li ser jissarraf f'somma ta' €30,000 fi pjanti fil-lokalita.

2.6. Ittra mingħand is-Supretendent tal-Pulizija fejn qed jinforma lil Kunsill Lokali li f'Diċembru 2015 ser isir Ċirklu fil-parkeġġ ta' fejn l-Addolorata. Is-Segretarju informa lil mejda li f'din l-ittra mhux qed jintalab l-ebda permess mingħand il-Kunsill imma il-Pulizija *just* qed tinforma lil Kunsill b'din it-talba. Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill Lokali Paola jibgħat ittra lill-organizzatur jinfurmah illi l-Kunsill qatt ma qabel li isir ċirklu f'dan il-post u li fid-dawl illi l-Kunsill qatt ma ingħata kas għal dan, qed nitolbu li l-organizzatur jagħti kumpens xieraq lil Kunsill Lokali. Il-membri qablu. Il-Viċi Sindku Dominic Grima talab li nibgħatu ittra lil Transport Malta sabiex l-area tal-parkeġġ li hija responsabiltà tagħhom titnaddaf sew.

2.7. Talba mingħand Joseph Formosa Randon, illi qed jieħu ħsieb il-ġbid ta' film Amerikan lokalment, sabiex isir użu mill-grawnd tas-Shreiber, mill-Parkeġġ ta' quddiem il-Knisja ta' St. Antnin u t-toroq ta' madwar id-daħla ta' Kordin f'April u Mejju. Bħala kumpens il-Kunsill Lokali Paola ser jingħata is-somma ta' €3,000. Il-membri qablu li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tas-Sur Formosa Randon sakemm il-postijiet imsemmija jitħallew kif jinstabu jew aħjar.

2.8. Ittra mingħand il-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta fejn qed jinforma lil Kunsill Lokali Paola li ser jitqassmu numru ta' siġar taż-Żebbuġ lil xi lokalitajiet fosthom Paola. Il-membru qablu li għanda nibgħatu it-talba tagħna.

2.9. Ittra mingħand il-Kunsillier Steven Axisa dwar ħajt perikoluż fi Triq il-Foss. Is-Segretarju informa lil membri li l-iSpettur Hubert Cini infurmah li dan il-ħajt ġie ċertifikat li mhux perikoluż, liema ittra qed tiġi annessa mal-minuti. Is-Sindku kompla billi qal li huwa infurmat li l-art imsemmija ser tiġi żviluppata fil-ġimghat li ġejjin u għalhekk il-ħajt ser jitwaqqa.

2.10. Ittra mingħand Transport Malta tinforma lil Kunsill Lokali Paola li l-proġett (SUMP) li kien issottometta l-istess Kunsill ikklassifika fit-tieni post fl-iskema li kienet qed issir marbuta mal-*European Mobility Week* u għaldaqstant il-Kunsill Lokali Paola kien qed jirbaħ *Quadricycle* Elettrika b'valur ta' €10,000.

2.11. Il-Kunsillier Muscat xtaq jirrimarka li hemm talba għal rampa minn persuni li joqogħdu fl-appartament fi Blokk C f'ta Lourdes. Il-membri qablu li din ir-rampa għanda issir.

## 3. <u>Tenders 6/14 u 1/15</u>

3.1. Is-Segretarju informa lil membri illi l-*Evaluation Commitees* marbuta ma' dawn it-tenders kienu iltaqgħu u ippreżenta ir-rapport ta' evalwazzjoni lil membri, liema membri qed jissuġġerixxu illi t-tenders għandom jingħataw hekk:

3.1.1. **Tender 6/14:** Building & Design *Consultants*
3.1.2. **Tender 1/15:** V+C *Contractors*

3.2. Hawnhekk is-Sindku irrimarka li huwa kien qed jastjeni minn din id-deċiżjoni fid-dawl tal-fatt illi huwa fil-karriera professjonali tiegħu jaħdem ma' uħud mill-offerenti.

3.3. Il-membri iddiskutew ir-rapporti ta' evalwazzjoni u qablu mal-konklużjonijiet imressqa fl-istess rapporti. U għalhekk approvaw li t-tenders 06/14 u 01/15 jingħataw lil Building & Design *Consultants u* V+C *Contractors* rispettivament.

3.4. Il-Kunsillier Axisa xtaq juri ix-xettiċiżmu tieghu għall-proġetti tal-PPP.

## *4.* **Korsijiet *Life Long Learning***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi reġa' wasal iż-żmien illi napplikaw għall-korsijiet tal-*lifelong learning,* liema korsijiet isiru fil-bini tal-Kunsill l-antik. Il-membri qablu li għandna napplikaw għall-korsijiet tal-Malti, Ingliż u Matematika.

## 5. **Ċelebrazzjonijiet Hibernians**

5.1. Is-Sindku informa lil membri li qed ikun avviċinat minn uħud li qed jistaqsu sabiex jarmaw bar fiċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mar-rebħ tal-kampjonat ta' Hibernians. Is-Sindku żied li għaldaqstant huwa kellem lil PRO tal-Hibs is-Sur Stefan Zahra li qed jieħu ħsieb ukoll l-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet, sabiex jiġbor lista ta' dawk kollha li bħala club jaqblu li jarmaw bar/stand sabiex il-Kunsill Lokali umbagħad joħroġ permess lil Hibernians li jinkorpora fih lil dawk interessati. Il-membri qablu.

5.2. Is-Sindku kompla billi qal li ġie avviċinat mill-istess Stefan Zahra dwar il-possibilità li l-Kunsill Lokali Paola ikun parteċipi fl-organizzazzjoni taċ-Ċelebrazzjonijiet tar-rebħ tal-Kampjonat tal-Hibernians. Il-membri qablu li c-ċelebrazzjonijiet jiġu organizzati bejn il-Kunsill Lokali Paola u l-club tal-Hibernians u għaldaqstant approva baġit ta' €2,000. Il-membri qablu li l-Kunsill Lokali għandu jkollu wkoll *coverage* tajjeb fl-attivitajiet.

## 6. **Skeda tal-Pagamenti**

6.1. Il-Kunsill Lokali approva l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 47 għas-somma ta' €66,288.71.

6.2. Il-Kunsilliera Rita Delezio xtaqet iżżid illi residenta talbitha sabiex tiġi installati *Speed Camera* fi Triq Għajn Dwieli. Il-membri qablu li nagħmlu talba lil Transport Malta.

**7. Għeluq tal-leġislatura-Aġġornament**

7.1. Il-membri wasslu il-kummenti tagħhom f'għeluq il-leġislatura u irringrazzjaw lil xulxin tal-koperazzjoni li sabu minn xulxin fil-ħidma tagħhom b'risq ir-residenti ta' Raħal Ġdid.

7.2. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fit-8:00pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 7 ta' April 2015 sabiex f'din il-laqgħa jiġu biss approvati dawn il-minuti.

Approvati llum 7 ta' April 2015.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku